



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10504/19

ENER 365
CLIMA 168
COMPET 523
RECH 359
AGRI 313
ENV 624

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Ġunju 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2019) 4425 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta' 18.6.2019 dwar l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima tas-Slovakkja li jkopri l-perjodu 2021-2030

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2019) 4425 final.

Mehmuż: C(2019) 4425 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2019
C(2019) 4425 final

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 18.6.2019

**dwar l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima tas-Slovakkja li
jkopri l-perjodu 2021-2030**

{SWD(2019) 274 final}

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 18.6.2019

dwar l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali Integrat għall-Enerġija u l-Klima tas-Slovakkja li jkopri l-perjodu 2021-2030

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru huwa meħtieġ jippreżenta lill-Kummissjoni abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tiegħu li jkopri l-perjodu mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 3(1) u l-Anness I ta' dak ir-Regolament. L-ewwel abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima kellhom jiġu ppreżentati sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (2) Is-Slovakkja ppreżentat l-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tagħha fil-21 ta' Jannar 2019. Il-preżentazzjoni ta' dan l-abbozz tal-pjan tirrappreżenta l-bażi u l-ewwel pass tal-proċess iterattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għall-finalizzazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom.
- (3) Skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni hija meħtieġa tivvaluta l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima. Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni komprensiva tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tas-Slovakkja, filwaqt li qieset l-elementi rilevanti tar-Regolament (UE) 2018/1999. Din il-valutazzjoni² hija ppubblikata flimkien ma' din ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin huma bbażati fuq dik il-valutazzjoni.
- (4) B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu jindirizzaw (i) il-livell ta' ambizzjoni tal-oġettivi, tal-miri u tal-kontributi bil-ħsieb li jinkisbu b'mod kollettiv l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, il-miri tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza fl-enerġija kif ukoll il-livell tal-interkonnnettività tal-elettriku li l-Istat Membru qed jimmira li jlaħħaq sal-2030; (ii) il-politiki u l-miżuri b'rabta mal-oġettivi fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni u politiki u miżuri oħrajn ta' rilevanza transfruntiera potenzjali; (iii) kwalunkwe politiki u miżuri addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-

¹ ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

² SWD(2019) 274.

enerġija u l-klima; (iv) l-interazzjonijiet bejn il-politiki eżistenti u ppjanati u l-konsistenza tagħhom u l-miżuri inklużi fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima f' dimensjoni waħda u fost dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija.

- (5) Waqt li kienet qed tiżviluppa r-rakkomandazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni qieset, minn naħa, il-ħtieġa li jingħaddu flimkien ċerti kontributi ppjanati kkwantifikati tal-Istati Membri kollha sabiex tiġi vvalutata l-ambizzjoni fil-livell tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġi pprovdut ħin xieraq għall-Istat Membru kkonċernat biex iqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma jiffinalizza l-pjan nazzjonali tiegħu.
- (6) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ambizzjonijiet rinnovabbli tal-Istati Membri huma bbażati fuq formula stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1999 li hija bbażata fuq kriterji oġġettivi.
- (7) Fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni huma bbażati fuq il-valutazzjoni tal-livell ta' ambizzjoni nazzjonali ppreżentat fl-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, imqabbel mal-livell kollettiv tal-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni, filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta dwar iċ-ċirkustanzi nazzjonali speċifiċi, fejn ikun rilevanti. Il-kontributi nazzjonali finali fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija jenħtieġ li jirriflettju l-potenzjal kosteffettiv għall-iffrankar tal-enerġija u li jiġu appoġġati bi strateġija soda ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul u miżuri għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. Jenħtieġ li l-Istati Membri juru wkoll li jkun qiesu kif xieraq il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", billi b'mod partikolari jispjegaw kif l-effiċjenza fl-enerġija tikkontribwixxi għall-ilħuq kosteffettiv tal-għanijiet nazzjonali ta' ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u għall-indirizzar tal-prekarjetà enerġetika.
- (8) Ir-Regolament dwar il-Governanza jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu stampa ġenerali tal-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, kif ukoll valutazzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investment. Il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima jenħtieġ li jiżguraw it-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tal-investment.
- (9) B'mod parallel, bħala parti miċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2018-2019, il-Kummissjoni ffukat ħafna fuq il-ħtiġijiet ta' investment tal-Istati Membri b'rabta mal-enerġija u mal-klima. Dan huwa rifless fir-Rapport tal-Pajjiż tal-2019 għas-Slovakkja⁴ u fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lis-Slovakkja⁵, bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew. Il-Kummissjoni qieset l-aktar sejbiet u rakkomandazzjonijiet reċenti tas-Semestru Ewropew fil-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni huma komplementari għall-aktar rakkomandazzjonijiet reċenti speċifiċi għal kull pajjiż maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali

³ Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

⁴ SWD (2019) 1024 final.

⁵ COM (2019) 525 final tal-5.6.2019.

integrati għall-enerġija u l-klima jqisu l-aktar rakkomandazzjonijiet reċenti speċifiċi għal kull pajjiż maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (10) Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Governanza jeħtieġ li kull Stat Membru iqis kif xieraq kull rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għall-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tiegħu li jrid jiġi ppreżentat fil-31 ta' Diċembru 2019 u, jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali tagħha, dak l-Istat Membru jenħtieġ li jipprovdi r-raġunijiet tiegħu u jipubblikahom.
- (11) Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw l-istess *data* fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti fis-snin sussegwenti bħalma jirrapportaw lill-Eurostat jew lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. L-użu tal-istess sors, u meta tkun disponibbli, tal-istatistika Ewropea, huwa wkoll essenzjali għall-kalkolu tal-linja bażi għall-immudellar u għall-projezzjonijiet. L-użu tal-istatistika Ewropea jippermetti komparabbiltà aħjar tad-*data* u tal-projezzjonijiet użati fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima.
- (12) L-elementi kollha tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999 iridu jiġu inklużi fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġu vvalutati l-impatti makroekonomiċi u, sa fejn ikun possibbli, l-impatti fuq is-saħħa, l-ambjent, l-impjieġ u l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-impatti soċjali tal-politiki u tal-miżuri ppjanati. Il-pubbliku u partijiet ikkonċernati oħra jridu jkunu involuti fit-tħejjija tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali. Dawn l-elementi u elementi oħrajn huma deskritti fid-dettall fid-dokument ta' hídma tal-persunal ippubblikat flimkien ma' din ir-Rakkomandazzjoni⁶.
- (13) Il-pjan finali jenħtieġ li jidentifika l-interkonnessjonijiet u jiżgura l-koerenza bejn id-dimensjonijiet differenti. L-approċċ olistiku, li diġà sar fid-diskussjonijiet nazzjonali bejn bosta partijiet ikkonċernati dwar l-indirizzar tal-prekarjetà enerġetika, filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet tas-suq intern u tal-effiċjenza fl-enerġija, jenħtieġ li jiġi estiż għad-dimensjonijiet kollha. L-impatti tat-tibdil fil-klima bħala riskju għas-sigurtà tal-enerġija jistgħu jiġu indirizzati wkoll. L-oġettivi fid-dimensjoni tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-kompetittività jridu jappoġġaw l-isforzi ppjanati għad-dimensjonijiet l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (14) Il-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali jista' jibbenefika mill-preżentazzjoni ta' analiżi komprensiva dwar fejn jinsab bħalissa s-settur tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-suq globali, filwaqt li jiġu enfasizzati l-oqsma ta' qawwiet kompetittivi u sfidi potenzjali u jiġu indikati oġettivi miżurabbli għall-ġejjieni u l-politiki u l-miżuri biex dawn jinkisbu, u jsiru konnessjonijiet xierqa mal-politika tal-intrapriżi u tal-industrija. Jista' jibbenefika wkoll minn interazzjoni aħjar mal-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jiġi enfasizzat il-potenzjal tiegħu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (15) Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lis-Slovakkja huma appoġġati mill-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tas-Slovakkja li huwa ppubblikat flimkien ma' din ir-Rakkomandazzjoni⁷.

⁶ SWD(2019) 274.

⁷ SWD(2019) 274.

B'DIN TIRRAKKOMANDA LIS-SLOVAKKJA TIEĦU AZZJONI BIEX:

1. Iżżid b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni għall-2030 għal sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 24 % bħala l-kontribut tas-Slovakkja għall-mira tal-Unjoni tal-2030 għall-enerġija rinnovabbli u kif indikat mill-formula fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1999. Tinkludi trajettorja indikattiva fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali li tilħaq il-punti ta' referenza kollha skont l-Artikolu 4(a)(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità ma' dak is-sehem, fid-dawl tal-ħtieġa li jżied il-livell tal-isforzi biex din il-mira tintlaħaq b'mod kollettiv. Tippreżenta politiki u miżuri ddettaljati u kkwantifikati li huma konformi mal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, sabiex tippermetti li dan il-kontribut jinkiseb fil-ħin u b'mod kosteffettiv. Iżżid il-livell ta' ambizzjoni fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ sabiex tilħaq il-mira indikattiva inkluża fl-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u tistabbilixxi miżuri xierqa biex tilħaq il-mira tat-trasport stabbilita fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima tagħha u f'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Tipproponi miżuri konkreti biex tnaqqas il-piż amministrattiv u b'rabta mal-oqfsa ta' abilitazzjoni għall-awtokonsum rinnovabbli u għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 tad-Direttiva 2018/2001. Tipprovdi dettalji addizzjonali dwar il-miżuri speċifiċi biex tiżgura s-sostenibbiltà għall-provvista u l-użu tal-bijomassa fis-settur tal-enerġija, meta jitqies il-kontribut importanti tal-bijomassa lis-Slovakkja fit-taħlita enerġetika u speċjalment fit-tisħin u t-tkessiħ.
2. Iżżid l-ambizzjoni tagħha fir-rigward tal-konsum tal-enerġija finali u primarja fid-dawl tal-ħtieġa li jżied il-livell tal-isforzi biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tal-Unjoni tal-2030 u tappoġġa dan permezz ta' politiki u miżuri li jirriżultaw f'aktar iffrankar enerġetiku sal-2030. Tipprovdi kwantifikazzjoni xierqa tal-iffrankar enerġetiku mistenni mill-politiki u l-miżuri ppjanati bħala parti minn valutazzjoni tal-impatt aktar dettaljata.
3. Tispeċifika l-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi tas-sigurtà tal-enerġija dwar id-diversifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika, inkluż il-miżuri li jiżguraw il-flessibbiltà u l-provvista fit-tul tal-materjali u tal-fjuwil nukleari fid-dawl tal-iżvilupp tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni nukleari.
4. Tiddefinixxi oġettivi u miri li jħarsu 'l quddiem fir-rigward tal-integrazzjoni tas-swieq, b'mod partikolari miżuri għall-iżvilupp ta' swieq tal-operaturi u tal-konsumaturi aktar kompetittivi, inkluż li tersaq lejn prezzijiet ibbażati bis-sħiħ fuq is-suq.
5. Tikkjarifika l-oġettivi nazzjonali u l-miri ta' finanzjament fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fil-kompetittività, speċifikament relatati mal-Unjoni tal-Enerġija, li

⁸ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82–209).

jridu jinkisbu bejn l-2023 u l-2030, sabiex ikunu miżurabbli faċilment u jkunu adattati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-miri fid-dimensjonijiet l-oħra tal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima. Tappoġġa t-tali objettivi b'politiki u miżuri speċifiċi u xierqa, inkluż dawk li jridu jiġu żviluppati b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, bħal pereżempju l-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija.

6. Tkompli l-konsultazzjoni mal-Istati Membri ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali fil-kuntest tal-Grupp ta' Visegrad li jinvolveja liċ-Ċekja, lill-Ungerija, lill-Polonja u lill-Slovakkja, u tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC), kif ukoll il-kooperazzjoni bilaterali, bħal pereżempju maċ-Ċekja dwar is-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku. Il-fokus tal-iskambji reġjonali jista' jkun fuq l-integrazzjoni ulterjuri fis-suq intern tal-enerġija, il-valutazzjoni tal-adegwatezza tas-sistema, il-kwistjonijiet tat-tranżizzjoni ġusta, id-dekarbonizzazzjoni u l-isfruttament tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-impatt tiegħu fuq is-sistema tal-enerġija.
7. Testendi l-analiżi tagħha tal-ħtiġijiet u s-sorsi ta' investiment, inkluż finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, li bħalissa hija pprovduta biss għall-effiċjenza fl-enerġija u għar-riċerka, għal stampa ġenerali tal-ħtiġijiet ta' investiment biex tilħaq l-oġettivi tagħha għall-enerġija u l-klima. Tqis ukoll il-ġenerazzjoni kosteffettiva tat-trasferimenti lejn Stati Membri oħrajn skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ bħala sors ta' finanzjament.
8. Telenka s-sussidji tal-enerġija kollha, inkluż b'mod partikolari għall-karburanti fossili, u l-azzjonijiet imwettqa kif ukoll il-pjanijiet biex dawn is-sussidji jibdew jiġu eliminati ftit ftit.
9. Tikkomplementa l-analiżi tal-interazzjonijiet bil-politika dwar il-kwalità tal-arja u l-emissjonijiet fl-arja, filwaqt li tippreżenta u tikkwantifika l-impatti fuq it-tniġġis tal-arja għax-xenarji varji, tipprovdri informazzjoni ta' appoġġ, u tikkunsidra s-sinerġiji u l-effetti ta' kompromess.
10. Tintegra aħjar l-aspetti ta' tranżizzjoni ġusta u ekwa, b'mod partikolari billi tipprovdri aktar dettalji dwar l-impatti soċjali, l-impatti fuq l-impjiegi u fuq il-ħiliet tal-oġettivi, tal-politiki u tal-miżuri pplanati. Il-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima finali jenħtieġ li jindirizza l-impatti tat-tranżizzjoni fuq il-popolazzjonijiet li jgħixu fir-reġjun tal-faħam ta' Horna Nitra u jagħmel konnessjoni mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern għat-tranżizzjoni hemmhekk, kif ukoll tal-aġġustamenti f'setturi oħra intensivi fl-enerġija. Tiżviluppa aktar l-approċċ għall-indirizzar tal-kwistjonijiet tal-prekarjetà

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġi onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26–42).

enerġetika, inkluż billi tipprovdi valutazzjoni dedikata tal-prekarjetà enerġetika kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1999.

Magħmul fi Brussell, 18.6.2019

Għall-Kummissjoni
Miguel Arias Cañete
Membru tal-Kummissjoni